IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.6.2019
COM(2019) 500 final

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-BANK ĊENTRALI EWROPEW, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW, LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI U LILL-BANK EWROPEW TAL-INVESTIMENT

Is-Semestru Ewropew 2019: Rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi

1. INTRODUZZJONI

L-ekonomija Ewropea qed tikber għas-seba' sena konsekuttiva. Matul il-Kummissjoni Juncker, l-investiment reġa' lura għal-livelli ta' qabel il-kriżi; l-għadd ta' nies li għandhom impjieg laħaq l-ogħla livell li qatt ġie rreġistrat u d-dejn pubbliku naqas b'mod kumplessiv.

L-ekonomija Ewropea se tkompli tespandi din is-sena u s-sena d-dieħla, bl-Istati Membri kollha jirreġistraw rati ta' tkabbir pożittivi, minkejja kundizzjonijiet anqas favorevoli. L-ekonomija Ewropea kienet affettwata s-sena l-oħra minħabba dgħufijiet globali f'kuntest ta' tensjonijiet kummerċjali persistenti, inċertezza għolja u ssikkar sinifikanti tal-kundizzjonijiet finanzjarji internazzjonali meta qalbet is-sena. Id-domanda domestika għandha tkompli tkun l-ixprun ewlieni tat-tkabbir ekonomiku, din is-sena u ta' wara, sostnuta b'aktar żidiet fl-impjiegi u fl-introjti, spejjeż finanzjarji baxxi u miżuri fiskali li jgħinu f'xi Stati Membri.

Riformi strutturali effettivi, akkumpanjati minn strateġiji ta' investiment immirati sew u politiki fiskali responsabbli, ikomplu jipprovdu direzzjoni ta' suċċess għall-immodernizzar tal-ekonomija Ewropea. Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi adottati fil-kuntest tas-Semestru Ewropew jipprovdu gwida lill-Istati Membri biex iwieġbu b'mod adegwat għall-isfidi persistenti u ġodda u jaslu għall-objettivi ewlenin ta' politika kondiviżi tagħhom. Huwa kruċjali fil-kuntest tas-Semestru Ewropew li titkompla l-ispinta lejn it-"trijanglu virtuż" ta' tisħiħ tal-investimenti, is-segwiment ta' riformi effettivi li jrawmu tkabbir sostenibbli u inklużiv, u politiki fiskali sodi. Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi jinkludu wkoll gwida dwar it-tisħiħ tal-prestazzjoni u tal-governanza tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja tagħna kif ukoll ir-reżiljenza tal-ekonomiji taż-żona tal-euro f'konformità mar-rakkomandazzjoni tal-2019 dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro[1], u ż-żieda fil-konverġenza soċjali f'konformità mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

Id-dgħufijiet fit-tkabbir globali jżidu l-ħtieġa li jiġu indirizzati b'mod kontinwu l-isfidi strutturali tal-ekonomiji tal-UE. Implimentazzjoni aktar b'saħħitha tar-riforma u tal-prijoritizzazzjoni tar-riformi huma kruċjali biex jissaħħu r-reżiljenza u l-potenzjal tat-tkabbir tal-ekonomiji tagħna fid-dawl tar-riskji ekonomiċi u l-inċertezza li qed jiżdiedu. Dan jinkludi ż-żieda tal-impatt u tal-iskala tal-innovazzjoni u l-iżgurar tal-kwalità u tar-rilevanza tal-ħiliet għas-suq tax-xogħol. It-trawwim tal-inklużjoni soċjali, il-protezzjoni u l-promozzjoni tal-investiment, u t-titjib tal-kwalità tal-finanzi pubbliċi huma essenzjali biex jiġi assorbit l-impatt tat-tkabbir aktar kajman fuq l-impjiegi u l-inugwaljanza. It-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku jenfasizza wkoll il-ħtieġa għal riekwilibriju aktar simetriku fiż-żona tal-euro kollha. L-Istati Membri għandhom ikomplu jtejbu s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi b'mod partikolari fejn il-proporzjonijiet tad-dejn huma għoljin. Fl-istess ħin, dawk l-Istati Membri bi spazju fiskali disponibbli u livelli baxxi ta' investimenti għandhom jużawh biex jappoġġjaw il-potenzjal tat-tkabbir. It-tisħiħ tas-suq uniku u t-titjib tal-komplementarjetajiet bejn il-politiki tas-suq uniku u r-riformi strutturali nazzjonali se jikkontribwixxu għat-titjib tal-produttività u tar-reżiljenza tal-ekonomija tal-UE. Fil-livell globali, l-istrateġija mġedda tal-UE dwar iċ-Ċina tenfasizza opportunitajiet kbar għall-ħolqien tal-impjiegi u għat-tkabbir fl-Ewropa.[2]

[1] https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-5097-2019-INIT/mt/pdf

[2] https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/communication-eu-china-a-strategic-outlook.pdf

L-investiment u r-riformi jenħtieġ li jimxu id f'id. B'dan il-pakkett, il-Kummissjoni qed timmira b'mod partikolari biex tiżgura li l-investiment u r-riformi jiġu allinjati aktar u tipprovdi qafas ta' politika aktar koerenti. F'konformità mal-analiżi mtejba tal-Kummissjoni dwar il-ħtiġijiet tal-investiment u tal-ostakli li jaffronta kull Stat Membru fir-rapporti tal-pajjiżi, ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi tal-2019 jinkludu enfasi akbar fuq l-investiment.

Filwaqt li mhux il-ħtiġijiet kollha tal-investiment jistgħu jiġu indirizzati mill-fondi tal-UE, dawn jipprovdu opportunitajiet konsiderevoli biex jiġi indirizzat il-vojt konkret fl-investiment identifikat fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi. B'rabta ta' politika aktar effettiva bejn is-Semestru Ewropew u l-finanzjament tal-UE għall-2021–2027 kif stabbilit fil-proposti tal-Kummissjoni għall-qafas finanzjarju pluriennali tal-UE li jmiss, programmi finanzjarji tal-UE bħall-InvestEU, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, Orizzont Ewropa u l-Fondi tal-Politika ta' Koeżjoni jipprovdu opportunitajiet sinifikanti. B'mod partikolari, l-eżerċizzju tal-ipprogrammar tal-fondi li jmiss tal-politika ta' koeżjoni tal-UE huwa kruċjali. Id-djalogu mal-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali dwar kif jintużaw aħjar il-Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni Ewropej[3] fil-livell nazzjonali għall-perjodu 2021–2027 għadu kif beda u r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi, flimkien mar-Rapporti tal-Pajjiżi, jipprovdu l-qafas analitiku għal programmar ta' suċċess.

2. IL-PROSPETTIVA EKONOMIKA, IL-PROGRESS KUMPLESSIV FIR-RIFORMI U L-KORREZZJONI TAL-IŻBILANĊI

L-ekonomija tal-Unjoni Ewropea mistennija tkompli tikber din is-sena u s-sena ta' wara, minkejja li b'pass aktar kajman. It-tnaqqis mistenni fit-tkabbir ekonomiku fl-2019 huwa parzjalment dovut għall-impatt negattiv imdaqqas tal-ambjent estern fuq setturi orjentati lejn l-esportazzjoni. Xi fatturi speċifiċi għall-pajjiżi u għas-setturi (pereż. fl-industrija tal-karozzi) ukoll affettwaw iċ-ċifri tal-manifattura f'xi ekonomiji Ewropej kbar. L-inċertezza tal-politika domestika u t-treġġigħ lura ta' riformi kellhom piż fuq il-prospetti tal-kunfidenza u tat-tkabbir f'xi pajjiżi. Impjiegi addizzjonali, flimkien ma' pagi li jiżdiedu b'mod moderat għall-impjegati, huma mistennija li jappoġġaw il-konsum u l-attività ekonomika filwaqt li l-inċertezza dwar il-prospetti ekonomiċi qed ikomplu jkunu ta' piż fuq il-burdata ekonomika. L-investiment huwa mistenni li jkompli jikber, iżda b'pass aktar bil-mod minħabba l-ambjent estern inqas favorevoli u l-livelli ta' inċertezza rigward il-politiki kummerċjali. Kumplessivament, kundizzjonijiet favorevoli ta' finanzjament u miżuri fiskali li jgħinu f'xi Stati Membri għandhom isostnu aktar it-tkabbir tad-domanda domestika.


Filwaqt li l-prinċipji fundamentali tjiebu b'mod sinifikanti f'dawn l-aħħar snin, jeħtieġ li nkomplu ntejbu r-reżiljenza u l-potenzjal tat-tkabbir tal-ekonomija Ewropea. Huwa kruċjali li nżidu t-tkabbir potenzjali u li nsaħħu l-ispazju fiskali biex niġġieldu x-xokkijiet ekonomiċi negattivi futuri. Meta jitqiesu r-riskji kbar u interrelatati li qed idawru l-perspettiva ekonomika, jeħtieġ li jiżdiedu l-isforzi biex jiġu indirizzati l-isfidi u d-dgħufijiet strutturali li jistgħu jieħdu aktar prominenza minħabba t-tnaqqis fil-momentum ekonomiku. Il-promozzjoni u l-protezzjoni tal-investiment fl-edukazzjoni u fil-ħiliet, fl-infrastruttura ta' kwalità u fl-innovazzjoni se, fl-istess ħin, isaħħu l-potenzjal tat-tkabbir tal-ekonomiji tagħna u jsostnu d-domanda aggregata. It-trawwim tar-rispett għall-istat tad-dritt, b'mod partikolari sistemi tal-ġustizzja indipendenti u oqfsa robusti kontra l-korruzzjoni huwa wkoll kruċjali

[3] Il-Fondi tal-Politika ta' Koeżjoni tal-UE jsemmi l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus u l-Fond ta' Koeżjoni

f'dan il-kuntest. Fir-rigward tal-finanzi pubbliċi, il-pajjiżi b'dejn għoli għandhom isegwu politiki li jżidu l-bafers fiskali u jpoġġu l-proporzjonijiet tad-dejn fuq perkors ta' tnaqqis sostnut. Fl-istess ħin, huwa importanti li fejn jeżisti jintuża l-ispazju fiskali issa. Attenzjoni speċifika għandha tingħata għall-effetti li jgħinu t-tkabbir u għall-effetti ridistributtivi tal-infiq u tas-sistema tat-taxxa fl-Istati Membri kollha. Finalment, riekwilibriju aktar simetriku fiż-żona tal-euro se jimmitiga l-impatt negattiv, fuq it-tkabbir, tad-diżingranaġġ tad-dejn u se jwassal biex il-prestazzjoni ekonomika tagħna tkun inqas dependenti fuq id-domanda esterna.

Madwar żewġ terzi tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi maħruġa sal-2018 ġew implimentati tal-anqas b'"*xi progress*".(ara l-Illustrazzjoni 1). L-implimentazzjoni tad-diversi rakkomandazzjonijiet miftiehma mal-Istati Membri sa mill-2011 tkompli għaddejja b'mod stabbli. F'xi każijiet hemm evidenza ta' passi lura fuq xi elementi ta' riformi ewlenin adottati fil-passat. Il-biċċa l-kbira tal-progress sar fis-servizzi finanzjarji, segwit minn progress fuq il-leġiżlazzjoni li tirregola r-relazzjonijiet tax-xogħol u tal-ħarsien tal-impjiegi. Il-progress fuq it-tkabbir tal-bażi tat-taxxa, is-saħħa u l-kura fit-tul kien partikolarment kajman, kif kien ukoll fuq il-kompetizzjoni fis-servizzi.

Illustrazzjoni 1: Il-livell ta' implimentazzjoni llum tar-RSP tal-2011-2018




Nota: Il-valutazzjoni pluriennali tħares lejn l-implimentazzjoni miż-żmien li fih ir-rakkomandazzjonijiet ġew adottati l-ewwel darba sal-pubblikazzjoni ta' din il-Komunikazzjoni f'Mejju 2019. Il-valutazzjoni kumplessiva tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi relatata mal-politika fiskali tinkludi l-konformità mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

Meta wieħed iħares lejn il-progress tar-riformi minn perspettiva annwali, l-Istati Membri għamlu tal-inqas "*xi progress*" f'erbgħa minn 10 rakkomandazzjonijiet indirizzati lilhom f'Lulju 2018 (ara l-Illustrazzjoni 2). Din il-prestazzjoni hija agħar mis-snin ta' qabel. Mill-valutazzjoni mwettqa fil-kuntest tar-rapporti tal-pajjiżi fi Frar, ma sar l-ebda progress ulterjuri u sinifikanti fir-riformi minn perspettiva aggregata. Madankollu dan jaħbi d-differenzi bejn l-Istati Membri u l-oqsma ta' politika. L-implimentazzjoni tar-riformi għadha b'saħħitha fis-servizzi finanzjarji, anke jekk il-progress huwa kemxejn iżgħar meta mqabbel mal-passi kuraġġużi li ttieħdu immedjatament wara l-kriżi. Il-progress għadu baxx fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet dwar it-tkabbir tal-bażi tat-taxxa u dwar it-tisħiħ tal-kompetizzjoni fis-servizzi. Fid-dawl tal-isfidi ekonomiċi u soċjali li fadal u r-riskji negattivi

għall-prospettiva ekonomika, huwa kruċjali li jkun hemm implimentazzjoni aktar b'saħħitha tar-riformi biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-ekonomiji tal-UE.

Illustrazzjoni 2: Implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi: valutazzjoni annwali f'kull sena konsekuttiva mill-2011 fil-konfront tal-implimentazzjoni sa issa



Nota: Il-valutazzjoni pluriennali tħares lejn l-implimentazzjoni miż-żmien li fih ir-rakkomandazzjonijiet ġew adottati l-ewwel darba sal-pubblikazzjoni ta' din il-Komunikazzjoni f'Mejju 2019. Għas-snin 2011 u 2012 huwa iktar diffiċli li tqabbel il-valutazzjoni annwali ma' dik pluriennali minħabba li saret valutazzjoni differenti tal-kategoriji tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi.

Il-progress fil-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi jkompli iżda hija meħtieġa aktar azzjoni ta' politika. Xi Stati Membri qed ikomplu jirreġistraw djun privati u pubbliċi f'livelli storikament għoljin, u dan inaqqas il-marġni ta' manuvra biex jiġu indirizzati xokkijiet negattivi. Xi Stati Membri oħra qed juru sinjali ta' possibbiltà ta' sovražbilanċ marbutin mat-tkabbir dinamiku fil-prezzijiet tad-djar u mal-kost ta' unità lavorattiva li qed jikber. Ir-riekwilibriju tal-pożizzjonijiet esterni għadu mhux komplut. Filwaqt li defiċits esterni kbar ġew ikkoreġuti, surpluses kbar tal-kont kurrenti, minkejja xi sinjali modesti ta' aġġustament, għadhom jippersistu f'diversi pajjiżi. Is-surplus kbir fil-kont kurrenti taż-żona tal-euro għadu ġeneralment l-istess u dan jirrifletti fuq naħa domanda domestika aggregata li mhix tlaħħaq mal-attività ekonomika u fuq in-naħa l-oħra pożizzjoni kompetittiva mtejba b'esportazzjonijiet sostnuti. Aktar riekwilibriju jeħtieġ tweġibiet differenzjati. L-Istati Membri b'defiċits fil-kont kurrenti jew b'dejn estern għoli jeħtieġ li jsostnu t-titjib fil-kompetittività, filwaqt li l-Istati Membri b'surpluses kbar fil-kontijiet kurrenti għandhom isaħħu l-kundizzjonijiet li jappoġġaw tkabbir ogħla fil-pagi u fil-investiment. Miżuri biex tissaħħaħ il-produttività u jiżdied l-investiment huma kruċjali biex jiġi promoss tkabbir potenzjali ogħla fl-Istati Membri kollha.

3. OBJETTIVI EWLENIN TAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET TAL-2019-2020

L-objettiv kumplessiv tar-rakkomandazzjonijiet huwa li l-Istati Membri jiġu mħeġġa jżidu l-potenzjal ta' tkabbir tagħhom billi jimmodernizzaw l-ekonomiji tagħhom u jkomplu jsaħħu r-reżiljenza tagħhom. Fid-dawl tat-tnaqqis mistenni, l-Istati Membri kollha għandhom jagħtu prijorità lir-riformi li jimmiraw lejn tkabbir sostenibbli u inklużiv. Barra minn hekk, l-ekonomiji dejjem aktar diġitalizzati u globalizzati jeħtieġu investimenti aktar intelliġenti fl-infrastruttura, fl-innovazzjoni, fl-edukazzjoni u fil-ħiliet rilevanti. Barra minn hekk, id-diġitalizzazzjoni, is-suq tax-xogħol li qed jinbidel u t-tixjiħ tal-popolazzjoni u l-ekonomija ekoloġika jeħtieġu sforzi addizzjonali biex jappoġġjaw il-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità u jiżguraw sistemi ta' benesseri soċjali sostenibbli, adegwati u inklużivi.

Ix-xejriet soċjoekonomiċi nazzjonali jaħbu differenzi reġjonali li huma sinifikanti f'xi pajjiżi. Meta wieħed iħares lura, il-benefiċċji tat-tkabbir ekonomiku ma nfirxux b'mod ugwali bejn ir-reġjuni kollha. Jekk inħarsu 'l quddiem, l-isfidi soċjoekonomiċi tal-futur ma jaffettwawx il-partijiet kollha tas-soċjetà bl-istess mod. Għalhekk, abbażi tas-sejbiet tar-rapporti tal-pajjiżi tal-2019, ir-rakkomandazzjonijiet ta' din is-sena jirreferu għal disparitajiet reġjonali u territorjali fejn rilevanti. L-għan huwa li jiġu identifikati aħjar il-ħtiġijiet speċifiċi ta' investiment u tiġi promossa konverġenza ekonomika u soċjali aċċellerata bl-għajnuna ta' dawk l-investimenti li se jiġu kofinanzjati mill-fondi tal-politika ta' koeżjoni tal-UE fil-perjodu 2021-2027.

Inċertezzi dejjem jiżdiedu fis-swieq globali qed jenfasizzaw l-importanza tas-suq uniku. Il-funzjonament tajjeb tas-suq uniku huwa essenzjali biex jiffaċilita inputs ta' kwalità għolja għall-kumpaniji bi prezz kompetittiv u biex joffri swieq kbar u likwidi lill-forniturі ta' prodotti u servizzi tal-UE. Il-livell relattivament aktar baxx ta' integrazzjoni fis-swieq tas-servizzi ngħata attenzjoni fil-passat, iżda l-pass tar-riformi spiss kien diżappuntanti. Il-kost tal-opportunità ta' integrazzjoni insuffiċjenti fis-swieq tas-servizzi qed jiżdied u dawn il-kostijiet qed ikollhom riperkussjonijiet fuq l-Istati Membri kollha. Barra minn hekk, hemm lok ukoll għal titjib f'xi oqsma tas-swieq tal-oġġetti, speċjalment fl-applikazzjoni tar-rikonoxximent reċiproku. Il-ħolqien ta' suq uniku ġenwin għall-kapital fl-Ewropa permezz tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali se jżid il-kapaċità tas-sistema finanzjarja li tassorbi x-xokkijiet, billi jiddiversifika l-aċċess għall-finanzjament għan-negozji u jippromwovi opportunitajiet ġodda ta' investiment. Il-konsolidazzjoni tas-suq uniku teħtieġ sforzi addizzjonali ta' riforma fil-livell tal-Istati Membri biex isir progress fl-integrazzjoni tad-dimensjonijiet diġitali, tal-enerġija, tal-kapital u tat-trasport tagħha. Pereżempju, huwa rrakkomandat li l-Italja ttejjeb il-kwalità tal-infrastruttura tagħha, filwaqt li tqis id-disparitajiet reġjonali tagħha.

Fi Frar 2019, il-Kummissjoni identifikat żbilanċi fi 13-il Stat Membru; Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż jeħtieġu segwitu xieraq biex jiġu indirizzati dawn l-iżbilanċi. Abbażi ta' analiżijiet fil-fond, il-Kummissjoni kkonkludiet li 10 Stati Membri qed jesperjenzaw żbilanċi għall-finijiet tal-proċedura ta' żbilanċ makroekonomiku (il-Bulgarija, il-Kroazja, Franza, il-Ġermanja, l-Irlanda, il-Portugall, in-Netherlands, ir-Rumanija, Spanja u l-Iżvezja) u tliet Stati Membri qed jesperjenzaw żbilanċi eċċessivi (Ċipru, il-Greċja u l-Italja)[4].

[4] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew u lill-Grupp tal-Euro: Is-Semestru Ewropew 2019: Valutazzjoni tal-progress tar-riformi strutturali, tal-prevenzjoni u tal-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi, u r-riżultati tal-analiżijiet fil-fond skont ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 COM(2019) 150 final.

- Fil-każ tal-Kroazja, ġie konkluż li l-iżbilanċi ma għadux eċċessiv fid-dawl tat-titjib fis-sitwazzjoni ekonomika u tal-progress tal-politika.
- Il-Greċja kienet soġġetta għal analiżi fil-fond għall-ewwel darba wara li ħarġet mill-programm ta' assistenza finanzjarja u l-politiki biex jiġu indirizzati l-iżbilanċi huma mmonitorjati taħt qafas ta' sorveljanza msaħħa għas-sorveljanza ta' wara l-programm.
- F'Ċipru, għad hemm vulnerabbiltajiet sinifikanti minkejja kuntest ekonomiku mtejjeb u xi żieda reċenti fl-impenji tal-politika.
- Fl-Italja, il-prospetti tat-tkabbir u tal-finanzi pubbliċi marru għall-agħar, u l-miżuri ta' politika reċenti adottati marru lura għal xi elementi ta' riformi preċedenti, inkluż dawk relatati mas-sistema tal-pensjonijiet. Il-Kummissjoni ħabbret fi Frar li minħabba li l-aggravament jew it-tnaqqis tal-iżbilanċi makroekonomiċi għall-Italja se jiddependu b'mod kruċjali fuq azzjoni politika futura, hija se timmonitorja mill-qrib l-impenji meħuda mill-Italja biex tindirizza l-iżbilanċi tagħha. F'dan ir-rigward, il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Italja għall-2019 jindirizza parzjalment biss il-kwistjonijiet strutturali mqajma mir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2018, u d-dettalji dwar il-ftit impenji ġodda li fih, kif ukoll dwar l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tagħhom, spiss huma neqsin. Madankollu, l-istrateġija ta' riforma tagħha tibni fuq riformi kbar diġà ppjanati f'oqsma differenti, li juru kontinwità wiesgħa meta mqabbla mal-Programmi Nazzjonali ta' Riforma li għaddew.

Bħal fi snin preċedenti, monitoraġġ speċifiku skont il-proċedura ta' żbilanċ makroekonomiku se jseħħ ukoll għall-pajjiżi kollha bi żbilanċi identifikati jew żbilanċi eċċessivi.

Il-finanzi pubbliċi u t-tassazzjoni

Id-dejn tal-gvern qed jonqos, iżda l-progress mhuwiex l-istess fost fl-Istati Membri. Xi wħud ma sfruttawx biżżejjed il-kundizzjonijiet ċikliċi favorevoli u r-rati baxxi tal-imgħax f'dawn l-aħħar snin biex jerġgħu jibnu bafers fiskali. Oħrajn laħqu pożizzjonijiet baġitarji sodi u dan jagħtihom spazju fiskali biex jappoġġjaw l-investiment. B'mod aggregat, il-pożizzjoni fiskali taż-żona tal-euro baqgħet ġeneralment newtrali matul l-2015–2018 u abbażi tat-tbassir tal-Kummissjoni, hija projjettata li ssir kemxejn espansjonarja fl-2019.

Id-dejn tal-gvern għadu għoli f'diversi Stati Membri. L-impatt ta' popolazzjoni li qed tixjieħ joħloq sfidi addizzjonali u jitlob li jitkomplew ir-riformi tal-pensjonijiet, tal-kura tas-saħħa u tas-sistemi tal-kura fit-tul biex tiżdied l-effiċjenza, l-effettività u l-adegwatezza tagħhom u tinżamm is-sostenibbiltà fiskali tagħhom fit-tul. Ir-riformi tal-pensjonijiet immirati li jadattaw il-bilanċ bejn il-ħajja tax-xogħol u l-irtirar, u li jappoġġaw it-tfaddil kumplimentari għall-irtirar, jibqgħu essenzjali. Fejn ikun hemm bżonn, ir-riformi tas-sistema tal-benesseri soċjali jenħtieġ li jsir qbil dwarhom fil-pront minħabba l-impatt tagħhom fuq il-gruppi affettwati. L-esperjenza wriet li dawk l-oqsma huma fost dawk li l-aktar jirresistu r-riforma, u din hija r-raġuni għaliex il-proċess ta' riforma jeħtieġ li jinbeda mingħajr dewmien. Fl-istess ħin, jeħtieġ li tinvolvi konsultazzjoni mtejba mal-partijiet ikkonċernati mill-bidu nett. Huwa ċar li t-treġġigħ lura tar-riforma għandu jiġi evitat u kkoreġut peress li dan jista' jipperikola s-sostenibbiltà fiskali, inaqqas il-potenzjal tat-tkabbir u l-ġustizzja interġenerazzjonali.

It-tisħiħ tas-sostenibbiltà fiskali taż-żona tal-euro u tal-Istati Membri tagħha jirrikjedi politiki fiskali nazzjonali differenzjati. L-ispazju fiskali disponibbli u l-effetti konsegwenzjali minn pajjiż għall-ieħor jenħtieġ li jitqiesu. L-Istati Membri li għad għandhom livelli għoljin ta' dejn pubbliku għandhom ikomplu jibnu mill-ġdid il-bafers fiskali. B'dan

titnaqqas il-vulnerabbiltà tagħhom għax-xokkijiet, u jippermetti l-funzjonament sħiħ tal-istabbilaturi awtomatiċi fit-tnaqqis fir-ritmu li jmiss. Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi jistabbilixxu sforz meħtieġ ta' aġġustament fiskali konsistenti mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir għall-Istati Membri li għadhom ma laħqux l-objettiv baġitarju ta' terminu medju tagħhom. L-Istati Membri b'ambitu adegwat huma rrakkomandati wkoll li jużaw politiki fiskali u strutturali fi ħdan ir-regoli tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir biex iżidu l-investiment pubbliku biex jappoġġaw it-tkabbir u jiffaċilitaw l-ibbilanċjar mill-ġdid ekonomiku.

It-titjib tal-kwalità tal-infiq pubbliku jista' jtejjeb il-kapaċità tal-finanzi pubbliċi biex jappoġġaw it-tkabbir u l-koeżjoni soċjali. Il-mixja lejn struttura ta' nefqa u dħul pubbliċi li jiffavorixxu l-edukazzjoni, l-impjiegi u l-investiment hija mezz biex jiżdied il-potenzjal għat-tkabbir. Għalhekk, flimkien mal-isforzi biex l-infiq jinżamm taħt kontroll u titjieb l-effiċjenza, għandhom jitkomplew il-passi lejn kompożizzjoni ta' nfiq pubbliku li ssaħħaħ it-tkabbir. Dment li jkunu mfassla tajjeb u implimentati b'mod rigoruż, l-analiżijiet tal-infiq huma għodda effettiva biex titjieb il-kompożizzjoni tan-nefqa pubblika, inkluż billi jespandu l-ispazju għal investiment pubbliku produttiv u mmirat tajjeb. Filwaqt li għadd kbir ta' Stati Membri diġà taw bidu għal diversi tipi ta' analiżijiet tal-infiq (pereż. Ċipru, l-Estonja, il-Lussemburgu, is-Slovakkja u Spanja), għad hemm lok biex jiżdied l-użu ta' dawn il-proċessi, jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom, titjieb il-metodoloġija sottostanti u jiġu konnessi aħjar l-analiżijiet maċ-ċiklu baġitarju. Fl-aħħar nett, peress li f'xi Stati Membri l-analiżijiet irnexxilhom jidentifikaw oqsma għal titjib fl-effiċjenza tal-infiq, huwa meħtieġ li dawn is-sejbiet jissarrfu f'azzjoni ta' politika.

Matul is-snin, l-Istati Membri tejbu b'mod sinifikanti l-oqfsa fiskali tagħhom u f'ħafna pajjiżi dawn jappoġġaw it-twettiq ta' politiki fiskali sodi. Madankollu hemm għadd ta' Stati Membri fejn ir-riformi jridu jkomplu bil-ħsieb li jiġi stabbilit qafas fiskali mfassal tajjeb u effettiv. Il-Kroazja u Spanja huma rakkomandati li jsaħħu l-oqfsa baġitarji tagħhom, l-Awstrija u l-Belġju jeħtieġu aktar titjib fl-arranġamenti tal-koordinazzjoni fiskali tagħhom, filwaqt li hemm lok għal aktar tisħiħ tal-proċeduri baġitarji fil-Polonja. Fl-istess ħin fi Stati Membri oħra r-riformi staġnaw u hemm bżonn ta' impetu ġdid biex jerġgħu jitħeġġu l-isforzi ta' riforma. Barra minn hekk, hija kruċjali kullimkien attenzjoni kontinwa fuq l-implimentazzjoni biex jiġi żgurat li l-oqfsa fiskali jwasslu għall-objettiv tagħhom li jiksbu jew iżommu politika fiskali soda.

Is-sistemi tat-taxxa u tal-benefiċċji jistgħu jgħinu biex isostnu t-tkabbir inklużiv. Sistemi tat-taxxa u tal-benefiċċji mfassla tajjeb jistgħu jappoġġjaw l-investiment privat u jtejbu l-ambjent tan-negozju, jinkoraġġixxu l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol u tal-impjiegi, inaqqsu l-inugwaljanzi u jikkontribwixxu għal ekonomija li tkun soċjalment u ambjentalment reżiljenti. F'dan id-dawl, diversi Stati Membri rċevew rakkomandazzjoni biex iċaqalqu l-piż tat-taxxa minn fuq ix-xogħol biex jinkoraġġixxu aktar tkabbir ekonomiku sostenibbli.

Peress li l-ġlieda kontra l-ippjanar aggressiv tat-taxxa hija prijorità, il-Kummissjoni ppreżentat proposti leġiżlattivi biex is-sistema tat-taxxa ssir aktar trasparenti, effikaċi u koerenti. It-traspożizzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE u ta' inizjattivi maqbula internazzjonalment se jgħinu biex jitrażżnu l-prattiki ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa. Xi elementi fis-sistema tat-taxxa ta' xi Stati Membri, jiġifieri Ċipru, l-Ungerija, l-Irlanda, il-Lussemburgu, Malta u n-Netherlands, madankollu, jistgħu jintużaw minn kumpaniji li jwettqu ppjanar aggressiv tat-taxxa.

Kaxxa 1: Aġġornament dwar is-sorveljanza taħt il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir

Abbażi tal-valutazzjoni tal-Programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza tal-2019, il-Kummissjoni ħadet

ukoll għadd ta’ passi taħt il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

Il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-proċedura ta’ defiċit eċċessiv għal Spanja tingħalaq. Ma jkunx hemm aktar Stati Membri taħt il-parti korrettiva tal-Patt.

Il-Kummissjoni adottat rapporti għal Franza, il-Belġju, Ċipru u l-Italja skont l-Artikolu 126(3) TFUE, li fihom tirrevedi l-konformità tagħhom mal-kriterji tad-defiċit u tad-dejn tat-Trattat. Għal Franza, il-kriterji tad-defiċit u tad-dejn għandhom jitqiesu bħala li qed jiġu attwalment rispettati. Għall-Belġju, l-analiżi attwali mhijiex kompletament konklużiva dwar jekk il-kriterju tad-dejn huwiex qed jiġi rispettat jew le. Fir-rigward ta’ Ċipru, il-Kummissjoni tqis li ma għandhomx jittieħdu passi oħra li jwasslu għal deċiżjoni dwar l-eżistenza ta’ defiċit eċċessiv. Fil-każ tal-Italja, l-analiżi tissuġġerixxi li l-kriterju tad-dejn għandu jitqies bħala mhux rispettat u li għalhekk hija meħtieġa Proċedura ta’ Defiċit Eċċessiv ibbażata fuq id-dejn.

Il-Kummissjoni tirrakkomanda wkoll lill-Kunsill biex jiddeċiedi li l-Ungerija u r-Rumanija ma ħadux azzjoni effettiva b’reazzjoni għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta’ Diċembru 2018 skont il-proċedura ta’ devjazzjoni sinifikanti. Għar-Rumanija, din il-proċedura nfetħet f’Ġunju 2017 wara li ġiet osservata devjazzjoni sinifikanti fl-2016. Għall-Ungerija, il-proċedura ta’ devjazzjoni sinifikanti nfetħet f’Ġunju 2018 wara li ġiet osservata devjazzjoni sinifikanti fl-2017. Barra minn hekk, il-Kummissjoni qed toħroġ twissijiet għall-Ungerija u għar-Rumanija dwar l-eżistenza ta’ devjazzjoni sinifikanti mill-perkors ta’ aġġustament lejn l-objettiv baġitarju ta’ terminu medju fl-2018. Din hija t-tielet twissija indirizzata lir-Rumanija u t-tieni waħda lill-Ungerija. Il-Kummissjoni tirrakkomanda lill-Kunsill biex jadotta rakkomandazzjoni għall-Ungerija u għar-Rumanija biex jirrispondu kif xieraq bl-għan li jikkoreġu din id-devjazzjoni sinifikanti.

Is-suq tax-xogħol, l-edukazzjoni u l-politiki soċjali

Il-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol għadhom qed jitjiebu. Iċ-ċifri tar-rata tal-impjiegi tal-UE huma f’livelli rekord, u l-qgħad laħaq livell baxx rekord f’dan is-seklu. Fl-istess ħin għad hemm diverġenzi konsiderevoli bejn pajjiżi, reġjuni u gruppi tal-popolazzjoni. Sabiex jitjieb il-funzjonament tas-suq tax-xogħol, l-interventi mmirati biex tissaħħaħ l-effettività tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol u/jew biex tissaħħaħ il-kapaċità tas-servizzi tal-impjiegi huma rrakkomandati lill-Belġju, lill-Bulgarija, lil Ċipru, lill-Finlandja, lill-Greċja, lill-Ungerija, lill-Irlanda, lis-Slovenja u lil Spanja. Il-Polonja, il-Portugall u Spanja għandhom jindirizzaw il-proporzjon għoli ta’ ħaddiema b’kuntratti temporanji, filwaqt li jippromwovu t-tranżizzjonijiet lejn impjiegi għal żmien indeterminat.

Il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol qed tkompli tikber, iżda għadhom jippersistu inugwaljanzi bejn il-ġeneri f’termini ta’ impjiegi u ta’ paga. Dan huwa ta’ spiss ikkawżat minn diżinċentivi għax-xogħol, arranġamenti insuffiċjenti għall-bilanċ bejn il-ħajja tax-xogħol u l-ħajja privata jew in-nuqqas ta' faċilitajiet għall-indukrar tat-tfal affordabbli u faċilitajiet ta’ kura fit-tul. Rakkomandazzjonijiet dwar dawn il-kwistjonijiet ġew indirizzati lill-Awstrija, lir-Repubblika Ċeka, lill-Estonja, lill-Ġermanja, lill-Irlanda, lill-Italja, lill-Polonja u lis-Slovakkja.

L-aċċess għal edukazzjoni u għal taħriġ ta’ kwalità huwa essenzjali biex jipprovdi ħiliet u kompetenzi liċ-ċittadini kollha, f’perspettiva ta’ tagħlim tul il-ħajja li tqis il-ħtiġijiet futuri. L-investiment fil-kapital uman huwa kruċjali biex tingħata spinta lit-tkabbir intensiv, sostenibbli u inklużiv, f’kuntest ta’ nuqqas dejjem jiżdied ta’ ħiliet u nuqqas ta’ tlaqqigħ tal-ħiliet u dinja tax-xogħol li qed tinbidel. Madankollu, il-livelli tal-ħiliet għadhom baxxi għal diversi gruppi tal-popolazzjoni. Għadd kbir ta’ Stati Membri huma għalhekk irrakkomandati li

jsaħħu u jimmodernizzaw is-sistemi tagħhom tal-edukazzjoni u t-taħriġ. L-akkwist ta' ħiliet orjentati lejn il-futur, inklużi miżuri li jippromwovu t-tagħlim tal-adulti, għandu jiġi kkunsidrat pereżempju fil-Bulgarija, il-Kroazja, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Franza, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, il-Portugall, is-Slovakkja u s-Slovenja. Ġew indirizzati rakkomandazzjonijiet lill-Belġju, lill-Bulgarija, lil Ċipru, lill-Kroazja, lill-Greċja, lil-Litwanja, lill-Portugall, lir-Rumanija u lil Spanja biex itejbu r-rilevanza tas-suq tax-xogħol tas-sistemi edukattivi u ta' taħriġ tagħhom. Spanja hija rakkomandata wkoll li tnaqqas it-tluq bikri mill-iskola u Ċipru, il-Greċja u l-Latvja biex iżżid il-kapaċità tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali. Sforzi addizzjonali biex jitjiebu l-kwalità u l-inklużività tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, b'attenzjoni partikolari għal gruppi żvantaġġati huma meħtieġa f'diversi Stati Membri, filwaqt li r-Repubblika Ċeka u l-Italja għandhom isaħħu l-attrattività tal-professjoni tal-għalliema.

Is-sitwazzjoni soċjali qed tkompli titjieb, iżda għad hemm lakuni fil-kopertura tas-sistemi tal-protezzjoni soċjali u tal-aċċess għas-servizzi. Il-faqar qed jonqos, iżda għadu għoli f'xi Stati Membri. Il-faqar fost dawk li jaħdmu huwa wkoll sfida f'diversi Stati Membri. Barra minn hekk, xi gruppi żvantaġġati, bħal persuni b'diżabbiltà u persuni bi sfond ta' migrazzjoni, jiffaċċjaw sfidi persistenti. L-iżgurar ta' aċċess adegwat għall-protezzjoni soċjali għal ħaddiema mhux standard u għal dawk li jaħdmu għal rashom huwa kruċjali għall-benesseri tal-forza tax-xogħol u għas-swieq tax-xogħol li jiffunzjonaw tajjeb. Miżuri biex itejbu l-kopertura, l-adegwatezza jew l-effettività tax-xibka ta' sikurezza soċjali, inkluż skemi ta' introjtu minimu, huma rakkomandati lill-Bulgarija, lill-Estonja, lill-Ungerija, lil-Latvja, lill-Portugall, lir-Rumanija u lil Spanja, filwaqt li l-Kroazja u l-Greċja huma rakkomandati jlestu riformi aktar komprensivi tal-benefiċċji soċjali. Fil-Bulgarija, fl-Estonja u fil-Finlandja hemm bżonn ta' aċċess aħjar għal servizzi soċjali ta' kwalità. Ir-rakkomandazzjoni lin-Netherlands għandha l-għan li tippromwovi protezzjoni soċjali adegwata għal dawk li jaħdmu għal rashom. Rakkomandazzjonijiet speċifiċi biex jiġi promoss l-appoġġ għall-persuni b'diżabilità huma indirizzati lir-Repubblika Ċeka u lil-Latvja.

Ir-riformi tas-sistemi tas-saħħa jinsabu għaddejjin f'diversi pajjiżi biex jiżguraw l-aċċessibbiltà għal kulħadd għall-kura tas-saħħa, filwaqt li jissaħħu l-kosteffettività u s-sostenibbiltà tagħhom. L-Istati Membri għandhom ikomplu bl-isforzi tagħhom, filwaqt li jagħtu prijorità lit-tfassil bir-reqqa ta' miżuri komprensivi u jżidu l-adozzjoni u l-implimentazzjoni tar-riformi tal-għoti tas-servizzi tas-saħħa. Ħafna drabi huwa meħtieġ aktar investiment għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' riformi tas-sistemi tas-saħħa. Fid-dawl ta' dan, rakkomandazzjonijiet biex jittejbu l-effettività, l-aċċessibbiltà u s-sostenibbiltà tal-kura tas-saħħa huma indirizzati lill-Awstrija, lill-Bulgarija, lil Ċipru, lir-Repubblika Ċeka, lill-Greċja, lill-Finlandja, lill-Ungerija, lill-Italja, lil-Latvja, lil-Litwanja, lil Malta, lill-Polonja, lir-Rumanija, lis-Slovakkja u lis-Slovenja.

Id-djalogu soċjali huwa fattur ewlieni għas-suċċess tat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politiki. L-involviment tas-sħab soċjali u partijiet ikkonċernati oħra jtejjeb is-sjieda tal-politiki u jwassal għal riżultati aħjar u aktar sostenibbli tal-politika. B'segwitu għal rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi fil-passat, xi Stati Membri żiedu l-opportunitajiet għal djalogu strutturat u għall-parteċipazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi u tat-trejdjunjins. Filwaqt li m'hemmx mudell wieħed li jservi bħala referenza, hemm lok għal djalogu soċjali li jiffunzjona aħjar u għal involviment akbar tas-sħab soċjali fit-tfassil tal-politika f'diversi Stati Membri oħra bħall-Ungerija, il-Polonja u r-Rumanija, filwaqt li għad fadal ukoll sfidi importanti fil-Kroazja u l-Greċja.

Investiment, politiki tal-kompetittività, u ambjent tan-negozju mtejjeb biex iwassal għal produttività ogħla

F'konformità mal-progress tal-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa, jiġifieri l-"Pjan Juncker", l-iżvilupp ta' aġenda ta' politika komprensiva dwar l-investiment fl-UE jibqa' kruċjali biex jiġi indirizzat it-tkabbir attwali u futur. Sa mit-tnedija tal-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa, fondi privati u pubbliċi sostanzjali ġew u għadhom qed jiġu mobilizzati għal investimenti f'setturi strateġiċi tal-ekonomija tal-UE, u dan ta spinta sostanzjali lit-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi. Sa minn Mejju 2019, il-Pjan Juncker huwa mistenni li jkun skatta kważi EUR 400 biljun f'investimenti u ħoloq 750 000 impjieg biċ-ċifra mistennija titla' għal 1,4 miljun impjieg sal-2020. Barra milli fetaħ l-investimenti, il-Pjan Juncker ħoloq sensiliet ta' proġetti rilevanti u ffoka fuq miżuri li jrendu l-ambjent kummerċjali aktar favorevoli għall-investiment.

Il-fondi tal-Politika ta' Koeżjoni tal-UE għandhom jintużaw b'mod ottimali biex jissaħħu l-investimenti fl-oqsma ta' politika rilevanti. Dan għandu wkoll jgħin biex jitnaqqsu d-disparitajiet reġjonali persistenti madwar l-UE. F'dan l-isfond, ir-rapporti tal-pajjiżi ta' din is-sena u r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż jipprovdu gwida speċifika biex tintuża fl-ipprogrammar tal-fondi tal-UE taħt il-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss.

L-enfasi ta' din is-sena fuq l-investiment fl-analiżi tas-Semestru Ewropew għenet biex tidentifika dawk il-prijoritajiet ta' investiment fl-Istati Membri bl-ogħla redditu makroekonomiku u biex tipponta lejn dawk l-ostakli regolatorji u strutturali li qed ixekklu l-potenzjal ta' tkabbir fit-tul. Iż-żieda fl-investiment f'dawn l-aħħar snin kienet inugwali bejn is-setturi, il-pajjiżi u t-tipi ta' assi. Għad hemm differenzi bejn l-investiment fis-settur pubbliku u fis-settur privat: l-investiment privat ilu jiżdied b'mod stabbli mill-2013 u issa qed jilħaq il-medja tiegħu ta' qabel il-kriżi, filwaqt li l-investiment pubbliku beda jirkupra biss fl-2017. Barra minn hekk, filwaqt li ż-żieda fl-investiment seħħet fl-Istati Membri kollha, f'xi wħud minnhom ir-rati ta' investiment għadhom sostanzjalment taħt il-medja fit-tul ta' qabel il-kriżi.

Kaxxa: Rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi rilevanti għall-investiment u l-Politika ta' Koeżjoni tal-UE fl-2021–2027

Il-Kummissjoni Ewropea ilha tenfasizza r-rwol prominenti tal-investiment fi ħdan triangolu "virtuż" ta' politika, inklużi l-politiki fiskali prudenti u r-riformi strutturali.

Is-Semestru Ewropew tal-2019 japprofondixxi l-enfasi fuq l-investiment. Il-parir dwar l-investiment ipprovdut lill-Istati Membri f'dan il-pakkett tas-Semestru joperazzjonalizza l-impenn tal-Kummissjoni li tistabbilixxi rabta aktar b'saħħitha mal-baġit tal-UE u b'mod aktar speċifiku mal-fondi tal-politika ta' koeżjoni tal-UE għall-2021–2027, filwaqt li tqis l-ispeċifiċitajiet reġjonali[5].

Ir-rabta aktar b'saħħitha bejn is-Semestru Ewropew u l-fondi tal-politika ta' koeżjoni tal-UE se twassal għal eżerċizzju ta' programmar aħjar u aktar effettiv u għalhekk għal investimenti aħjar u aktar iffukati li jirriżultaw f'aktar produttività u tkabbir fit-tul. Din ir-rabta operazzjonali tissimplifika l-proċessi eżistenti u tiżgura koerenza akbar bejn il-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi u l-użu tal-fondi tal-UE mingħajr iż-żieda ta' burokrazija addizzjonali.

Il-bażi analitika tas-Semestru Ewropew tista' tiggwida b'mod effettiv lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni fid-djalogu li jwassal għall-ipprogrammar tal-fondi. Din il-Kaxxa tispjega kif il-gwida relatata mal-investiment fis-Semestru Ewropew għandha tinforma l-proċess tal-ipprogrammar

Il-punt tat-tluq tas-Semestru, l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir tal-2019, talab għal politiki tal-investiment aktar immirati fl-Istati Membri kollha. Ir-rapporti tal-pajjiż tal-pakkett tax-xitwa ta' din is-sena analizzaw il-ħtiġijiet tal-investiment ta' kull pajjiż abbażi ta' qari espert tal-aħħar xejriet soċjoekonomiċi, b'enfasi fuq il-kompetittività settorjali u attenzjoni partikolari għall-ħtieġa li jitrawwem tkabbir inklużiv u sostenibbli. Fejn rilevanti, tqiesu d-disparitajiet reġjonali u territorjali fl-Istati Membri. Din l-analiżi ssostanzjat il-fehma tal-Kummissjoni dwar l-aħjar użu tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni tal-UE għall-2021-2027[6], kif stipulat f'anness tar-rapporti tal-pajjiżi (l-Anness D) li joffri gwida dwar il-prijoritajiet tal-investiment għal dawn il-fondi. Dawn l-annessi ġew imfassla bħala input solidu għad-djalogu tal-ipprogrammar mal-Istati Membri. Il-prijoritajiet tal-investiment identifikati fl-Anness D ġew ikklassifikati fi tliet kategoriji (ħtiġijiet, ħtiġijiet ta' prijorità u ħtiġijiet ta' prijorità għolja) abbażi tar-rilevanza tagħhom għall-iżvilupp soċjoekonomiku u territorjali u filwaqt li jitqiesu r-rekwiżiti ta' konċentrazzjoni tematika stabbiliti fil-proposti tal-Kummissjoni għall-fondi tal-politika ta' koeżjoni tal-UE għall-2021-2027. Flimkien mas-sejbiet analitiċi l-oħra tar-rapporti tal-pajjiżi, l-annessi diġà ġew ippreżentati lill-Istati Membri biex jinbeda d-djalogu dwar l-ipprogrammar tal-ġenerazzjoni li jmiss tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni tal-UE, bil-għan li d-dokumenti ta' pprogrammar jiġu adottati kmieni kemm jista' jkun.

F'dan il-pakkett tar-rebbiegħa, il-Kummissjoni tippreżenta l-proposta tagħha għal rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi. Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi huma ta' natura ferm usa' mill-gwida għall-investiment li tinsab fl-annessi tar-rapporti tal-pajjiżi. Ir-rakkomandazzjonijiet jirreferu għall-ħtiġijiet ta' riforma u investiment fl-ekonomija kollha. Dawn jistgħu jiġu indirizzati kemm permezz ta' finanzjament kif ukoll permezz ta' miżuri regolatorji. Ta' min jenfasizza li mhux il-ħtiġijiet ta' investiment tal-Istati Membri

[5] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Baġit modern għal Unjoni li Tipproteġi, Tagħti s-Setgħa u Tiddefendi," COM(2018) 321 final.

[6] Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus u l-Fond ta' Koeżjoni.

kollha jistgħu jiġu ffinanzjati b'fondi tal-UE iżda dawk il-fondi jistgħu jagħtu kontribut sinifikanti biex jiġu indirizzati l-isfidi identifikati fis-Semestru, filwaqt li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet tagħhom (bħal konċentrazzjonijiet tematiċi).

Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi, filwaqt li jvarjaw fl-ambitu u fid-dettall, huma koerenti mal-gwida ta' investiment ipprovduta fl-annessi tar-rapporti tal-pajjiżi li ffokat esklussivament fuq dawk il-ħtiġijiet ta' investiment li huwa ssuġġeriti li l-fondi tal-politika ta' koeżjoni tal-UE jipprovdu kofinanzjament għalihom.

Il-progress fl-implimentazzjoni tal-aspetti relatati mal-investiment fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi kollha, se jiġi mmonitorjat bħala parti miċ-ċikli futuri tas-Semestru Ewropew. Il-monitoraġġ tal-kontribuzzjoni tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni tal-UE tal-2021-2027 għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi se jkun ibbażat fuq l-informazzjoni miġbura f'fora u proċessi stabbiliti (laqgħat u rapporti ta' rieżami annwali, kumitati ta' monitoraġġ).

L-ostakli għall-investiment jippersistu fl-UE kollha. B'mod ġenerali, l-ostakli regolatorji, in-nuqqasijiet istituzzjonali u l-ostakli għad-dħul, l-attività u l-ħruġ inaqqsu l-inċentiv tal-kumpaniji li jinvestu u jfixklu r-riallokazzjoni tar-riżorsi. Il-Kummissjoni indirizzat u se tkompli tindirizza l-ostakli regolatorji u amministrattivi, fil-livell nazzjonali u fil-livell tal-UE. L-inizjattivi fil-livell tal-UE u r-riformi strutturali fl-Istati Membri huma kumplimentari. Għalkemm sar progress fl-indirizzar tal-ostakli għall-investiment, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell tal-UE, għad hemm ostakli importanti fil-pajjiżi u fl-oqsma ta' politika. Pereżempju, fl-Italja, id-diffikultajiet fl-aċċess għall-finanzi jillimitaw l-investiment minn impriżi żgħar u medji u kumpaniji innovattivi, filwaqt li l-kapaċità amministrattiva u l-inċertezza dwar l-implimentazzjoni tar-regoli tal-akkwist jillimitaw l-investiment mill-awtoritajiet pubbliċi. In-nuqqas ta' ħiliet, in-nuqqasijiet istituzzjonali u l-inċertezza regolatorja għadhom fost l-ostakli prinċipali għall-investiment fil-Bulgarija. L-ambjent regolatorju instabbli u d-disponibbiltà insuffiċjenti ta' ħaddiema b'ħiliet adegwati f'xi setturi jibqgħu l-ostakli fil-Polonja. Ambjent tan-negozju dgħajjef u aċċess għall-finanzi huma l-ostakli ewlenin f'Ċipru.

L-investiment jeħtieġ klima ta' kunfidenza fin-negozju, prevedibbiltà u ċertezza ġuridika u rispett sħiħ għall-istat tad-dritt. Kien hemm titjib regolatorju konsiderevoli f'xi Stati Membri, bħall-Awstrija, is-Slovakkja u s-Slovenja, għalkemm għad hemm lok għal aktar titjib. Il-kompetituri globali qed itejbu l-ambjent kummerċjali tagħhom ukoll u r-riformi jridu jiġu aġġornati b'mod permanenti biex nibqgħu minn ta' quddiem fil-kompetittività. L-istabbiltà regolatorja, il-prevedibbiltà u l-istituzzjonijiet ta' kwalità għolja bbażati fuq ir-rispett għall-istat tad-dritt, inklużi sistemi ġudizzjarji effettivi u indipendenti huma ta' importanza kritika biex jinżamm ambjent favorevoli għall-investiment. L-istat tad-dritt, is-sistemi ġudizzjarji effettivi u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni se jtejbu l-ambjent tan-negozju u dan iġib miegħu benefiċċji fit-tul fl-għamla ta' investimenti u impjiegi. Xi Stati Membri komplew bl-isforzi kontra l-korruzzjoni, iżda l-kwistjoni għadha akuta f'diversi Stati Membri, b'impatti negattivi fuq l-ambjent tan-negozju u l-investiment. It-tisħiħ tal-effettività tal-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-korruzzjoni u t-titjib tal-prevenzjoni tagħha għadhom l-objettivi ewlenin. Ir-Repubblika Ċeka, il-Kroazja, l-Ungerija, l-Italja, Malta, Ċipru u s-Slovakkja rċevew rakkomandazzjonijiet li jiffukaw fuq dawn l-aspetti.

Amministrazzjonijiet pubbliċi effiċjenti u sforzi kontinwi biex jitnaqqas il-piż amministrattiv jappoġġjaw il-kompetittività tal-kumpaniji Ewropej. Il-piż amministrattiv

għadu ta' xkiel għall-investiment, għall-innovazzjoni u għat-tkabbir tal-kumpaniji. B'mod partikolari kumpaniji iżgħar u innovattivi ħafna jbatu l-aktar mill-piż u mill-ineffiċjenzi fl-amministrazzjoni pubblika. Din is-sena nħarġu rakkomandazzjonijiet biex jitnaqqas il-piż u jittejbu diversi aspetti tal-effiċjenza u tal-kwalità tal-amministrazzjoni pubblika, l-aktar biex titjieb l-effiċjenza tal-akkwist pubbliku, pereżempju għall-Belġju, Ċipru, il-Kroazja, ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, il-Latvja, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja u Spanja. Iż-żieda fil-pass tad-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi se tiżgura servizzi pubbliċi ta' livell għoli għall-popolazzjoni li qed tixjieħ u għall-baġits pubbliċi li jinsabu taħt pressjoni. L-iżgurar ta' governanza ekonomika soda billi jiġu indirizzati d-dgħufijiet fl-oqfsa kontra l-korruzzjoni u kontra l-ħasil tal-flus huwa prekundizzjoni għat-tkabbir sostenibbli fit-tul.

In-nuqqas ta' ħiliet u n-nuqqas ta' tlaqqigħ tal-ħiliet jistgħu jkunu ostakli kbar għall-investiment. F'din il-perspettiva, l-investiment fin-nies huwa element kumplimentari ewlieni għall-investiment fl-innovazzjoni, fir-riċerka u fl-infrastruttura, li joffri redditu pożittiv f'termini ta' kapital uman, forza tax-xogħol aktar impjegabbli u koeżjoni soċjali aktar b'saħħitha. Min-naħa tagħhom, dawn imbagħad jissarrfu f'eżiti ekonomiċi aħjar u aktar reżiljenti. B'mod partikolari, it-titjib tal-livelli tal-ħiliet u t-tlaqqigħ tagħhom mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol huma essenzjali biex tiżdied il-produttività u l-adattabilità tal-forza tax-xogħol. L-edukazzjoni u t-taħriġ inklużivi u li jiffunzjonaw tajjeb jistgħu jgħinu biex jevitaw jew inaqqsu r-riskji ta' nuqqasijiet ta' ħiliet u tlaqqigħ żbaljat tal-ħiliet li għandhom prezz fuq is-soċjetà, kemm ekonomikament kif ukoll soċjalment, f'termini ta' opportunitajiet ta' tkabbir mitlufa u t-tnaqqis ta' opportunitajiet ta' impjiegi għal ċerti gruppi tal-popolazzjoni.

It-tisħiħ tal-attivitajiet ta' riċerka u ta' innovazzjoni huma essenzjali għat-tkabbir tal-Ewropa. F'ħafna Stati Membri u reġjuni hemm lok sinifikanti biex jissaħħu r-rabtiet ta' kooperazzjoni bejn in-negozji (b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u medji), id-dinja akkademika, l-atturi tar-riċerka u tas-settur pubbliku, pereżempju fil-Bulgarija, fl-Estonja, fil-Latvja, fil-Litwanja u fir-Rumanija. L-appoġġ pubbliku għal innovazzjonijiet rivoluzzjonarji u għall-ħolqien u għat-tkabbir ta' kumpaniji b'rata għolja ta' tkabbir, flimkien ma' kundizzjonijiet ta' qafas tajbin għar-riċerka u għall-iżvilupp tan-negozju joħlqu opportunitajiet fis-suq u jgħollu l-kapaċità tal-innovazzjoni tal-ekonomija.

Id-diġitalizzazzjoni hija prijorità politika fl-Unjoni Ewropea iżda huma meħtieġa sforzi f'waqthom f'ħafna Stati Membri. Id-diġitalizzazzjoni hija lieva ewlenija tal-produttività, tal-kompetittività u tat-tkabbir. Is-setturi tradizzjonali u l-intrapriżi żgħar u medji qed jaqgħu lura b'mod partikolari fit-trasformazzjoni diġitali tagħhom. L-UE kollha kemm hi trid tħaffef dan il-proċess. Huwa meħtieġ appoġġ adegwat. Dan jitlob allinjament aħjar tal-politiki tal-Unjoni, tal-Istati Membri u dawk reġjonali, u l-ippuljar tar-riżorsi pubbliċi u privati biex jiżdied l-investiment u jiġu żviluppati sinerġiji aktar b'saħħithom fl-ekonomija u fis-soċjetà diġitali.

Lakuni fl-infrastruttura ambjentali u tal-enerġija għandhom impatt negattiv fuq it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi. It-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali fil-karbonju, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, ċirkolari u l-proċess tad-dekarbonizzazzjoni li tinvolvi, teħtieġ investimenti konsiderevoli. F'għadd ta' Stati Membri, b'mod partikolari fl-Awstrija, Ċipru, Franza, il-Ġermanja, Malta, il-Netherlands, il-Polonja, huma meħtieġa sforzi addizzjonali biex jintlaħqu l-miri tagħhom tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra. Aktar investimenti fl-infrastruttura tal-ilma u tal-iskart huma meħtieġa f'ħafna Stati Membri. L-isforz konġunt tal-investimenti pubbliċi u l-introduzzjoni ta' inċentivi għal investimenti privati addizzjonali se jagħmluha possibbli li l-miri tal-UE f'dawk l-oqsma jintlaħqu. Il-ħolqien tal-ekonomija

ċirkolari se jitlob ukoll investimenti pubbliċi reġjonali u lokali biex tkun tista' ssir it-trasformazzjoni ta' xi proċessi ta' produzzjoni.

Il-ħtiġijiet ta' investiment kapitali jvarjaw minn Stat Membru għal ieħor. Investimenti kapitali fissi huma meħtieġa f'setturi, reġjuni u pajjiżi għat-titjib tal-kapaċitajiet tal-produzzjoni. Dan japplika b'mod partikolari biex ir-reġjuni li jinsabu lura jkomplu bil-proċess ta' rkupru tagħhom. Barra minn hekk, reġjuni avvanzati u setturi bħas-settur tal-karozzi jeħtieġu investimenti biex iħaffu l-bidliet teknoloġiċi biex jaffrontaw l-isfidi ġodda. Investimenti fil-kapital intanġibbli huma partikolarment meħtieġa kullimkien biex tiġi ffaċilitata l-adozzjoni ta' teknoloġiji ġodda.

Diversi Stati Membri għamlu aktar progress fit-tisħiħ tal-istabbiltà finanzjarja. Ittieħdet azzjoni biex jitnaqqas is-self improduttiv, jissaħħu l-oqfsa superviżorji, u jitjiebu l-oqfsa tal-insolvenza. Minkejja t-tnaqqis sinifikanti tagħhom matul l-aħħar sena, għadd ta' Stati Membri għadhom ikkaratterizzati minn livelli għoljin ta' self improduttiv. Il-profittabilità tal-banek għadha dgħajfa u affettwata minn proporzjonijiet għoljin ta' self improduttiv, mudelli ta' negozju inadegwati f'ħafna każi, swieq b'eċċess ta' banek u l-volatilità tas-swieq finanzjarji (li reġgħet feġġet fl-ewwel nofs tal-2018). Is-superviżjoni u l-infurzar tal-oqfsa ta' kontra l-ħasil tal-flus għadhom problema f'diversi Stati Membri; rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi huma indirizzati lill-Bulgarija, lid-Danimarka, lill-Estonja, lil-Latvja, lil Malta u lill-Isvezja. Rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi biex ikompli jitnaqqas is-self improduttiv huma indirizzati lill-Bulgarija, lil Ċipru, lill-Irlanda, lill-Italja u lill-Portugall. Huma rakkomandati wkoll azzjonijiet ulterjuri għall-Bulgarija u għal Ċipru biex tissaħħaħ is-superviżjoni tas-setturi finanzjarji mhux bankarji.

L-iżviluppi fis-suq tal-akkomodazzjoni jistgħu jaffettwaw l-istabbiltà finanzjarja u għalhekk jeħtieġu azzjoni f'xi Stati Membri. L-akkomodazzjoni spiss hija l-assi prinċipali li għandhom l-unitajiet domestiċi, u, fl-istess ħin, is-self relatat mal-akkomodazzjoni jgħodd għal sehem kbir mis-self totali fl-ekonomija. Barra minn hekk, l-iskarsezza ta' akkomodazzjoni adegwata u affordabbli hija problema li qed tikber f'diversi Stati Membri. F'dak ir-rigward, l-Irlanda, il-Lussemburgu, in-Netherlands, l-Iżvezja u r-Renju Unit huma rrakkomandati li jnaqqsu l-ostakli għall-provvista tal-akkomodazzjoni u jneħħu d-distorsjonijiet fis-swieq tagħhom tal-akkomodazzjoni. Peress li livelli kbar ta' dejn privat jistgħu jamplifikaw movimenti fis-suq tal-akkomodazzjoni, it-tnaqqis tad-dejn kbir tal-unitajiet domestiċi huwa importanti għall-istabbiltà finanzjarja. Għalhekk, in-Netherlands u l-Iżvezja huma rrakkomandati li jnaqqsu l-preġudizzju favur id-dejn li jinħoloq b'mod partikolari mis-sistema tat-taxxa, bħad-deduċibbiltà tal-imgħax ipotekarju.

4. IS-SEMESTRU EWROPEW: SFORZ KONĠUNT BEJN L-ISTITUZZJONIJIET TAL-UE U L-ISTATI MEMBRI

L-Istati Membri ħolqu s-Semestru Ewropew matul il-kriżi ekonomika biex jikkoordinaw il-politiki ekonomiċi tagħhom matul is-sena kollha u biex jindirizzaw l-isfidi ekonomiċi u soċjali tagħhom. Illum is-Semestru Ewropew huwa pjattaforma unika għad-djalogu tal-politika ekonomika mal-Istati Membri tal-UE u bejniethom. Dan jippermetti li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jkollhom koordinazzjoni kontinwa tal-prijoritajiet tal-politika ekonomika. Bħala parti mill-qafas ta' governanza ekonomika, is-Semestru Ewropew jimmonitorja, jipprevjeni, u jikkoreġi xejriet ekonomiċi li jistgħu jdgħajfu l-ekonomiji nazzjonali jew l-UE kollha kemm hi. Il-Kummissjoni tinsab f'kuntatt kontinwu mal-Istati Membri b'mod multilaterali u bilaterali, inkluż fil-bliet kapitali, mal-Uffiċjali tas-Semestru Ewropew.

Dan id-djalogu jirriżulta f'analiżi kondiviża bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri tal-UE. Kull sena r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni jiġu approvati mill-Kunsill Ewropew u adottati formalment mill-Kunsill ECOFIN, wara diskussjoni ma' formazzjonijiet rilevanti oħra tal-Kunsill.

Il-Kummissjoni żviluppat għodod biex tgħin lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi. Pereżempju, is-Servizz ta' Sostenn għar-Riforma Strutturali jgħin lill-pajjiżi tal-UE jfasslu u jwettqu riformi strutturali bħala parti mill-isforzi tagħhom biex jappoġġjaw il-ħolqien tal-impjiegi u t-tkabbir sostenibbli. Huwa jikkoordina u jipprovdi appoġġ tekniku mfassal apposta għall-pajjiżi tal-UE, b'kooperazzjoni mas-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni. L-appoġġ huwa pprovdut b'mod partikolari permezz tal-Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali. L-objettiv hu li jgħin il-pajjiżi tal-UE jibnu istituzzjonijiet aktar effettivi, oqsfa ta' governanza aktar b'saħħithom u amministrazzjonijiet pubbliċi effiċjenti. Appoġġ ta' din ix-xorta jsaħħaħ il-kapaċità tal-pajjiżi tal-UE biex ifasslu u jimplimentaw politiki biex jappoġġjaw il-ħolqien tal-impjiegi u t-tkabbir sostenibbli. L-Istrument Baġitarju dwar il-Konverġenza u l-Kompetittività li qed jiġi diskuss bħalissa fil-Grupp tal-Euro jista' jipprovdi aktar inċentivi għar-riformi u jibni fuq il-proposta tal-Kummissjoni għall-Programm ta' Appoġġ għar-Riforma l-ġdid fil-qafas finanzjarju pluriennali għall-perjodu 2021–2027.

Ir-responsabbiltà aħħarija għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi hija tal-Istati Membri.

5. IL-PASSI LI JMISS

Il-Kummissjoni ssejjaħ lill-Kunsill biex japprova l-approċċ propost għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi tal-2019-2020 u d-deċiżjonijiet relatati skond il-Patt ta' Stabilità u Tkabbir.

Il-Kummissjoni tistieden ukoll lill-Istati Membri biex jimplimentawhom b'mod sħiħ u f'waqtu, fi djalogu mas-sħab soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati oħra fil-livelli kollha. Il-Kummissjoni se tkompli timpenja ruħha mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati nazzjonali matul il-proċess kollu tas-Semestru biex tiżgura sjieda wiesgħa u segwitu u implimentazzjoni effettivi. Il-Kummissjoni hija disponibbli wkoll biex tipprovdi appoġġ għar-riformi lill-Istati Membri, fuq talba, permezz tas-Servizz ta' Sostenn għar-Riforma Strutturali u biex tgħin lill-awtoritajiet jagħmlu l-aħjar użu mill-fondi tal-UE.

Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi tas-Semestru Ewropew u l-analiżi sottostanti fir-rapporti tal-pajjiżi jservu bħala bażi analitika rilevanti għall-ipprogrammar tal-Fondi tal-Politika ta' Koeżjoni tal-UE għall-2021–2027. Id-diskussjonijiet bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri għandhom ikomplu għall-ipprogrammar b'suċċess tal-fondi tal-UE f'konformità mal-analiżi u mar-rakkomandazzjonijiet tas-Semestru.

TABELLA 1 — ĦARSA ĠENERALI LEJN IL-KWISTJONIJIET KOPERTI FIR-RSP TAL-2019

Kategorija wiesgħa	Oqsma ta' politika	AT	BE	BG	CY	CZ	DE	DK	EE	EL*	ES	FI	FR	HR	HU	IE	IT	LT	LU	LV	MT	NL	PL	PT	RO	SE	SI	SK	UK
Il-finanzi pubbliċi u t-tassazzjoni	Il-politika fiskali u l-governanza fiskali	■	■		■		■		■		■	■	■	■	■	■	■	■		■		■	■	■	■		■	■	
	Is-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi, inkluż il-pensjonijiet	■	■			■	■				■	■	■			■	■		■		■	■	■	■	■		■	■	
	It-tnaqqis tal-piż tat-taxxa fuq ix-xogħol	■					■								■		■			■									
	It-twessigħ tal-bażijiet tat-taxxa												■			■	■	■		■									
	It-tnaqqis tal-predispożizzjoni għad-dejn																												
	Il-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa, it-titjib tal-amministrazzjoni tat-taxxa u l			■	■										■	■	■	■	■	■	■	■			■				
Is-settur finanzjarju	Is-servizzi finanzjarji			■	■			■	■								■			■	■					■			
	Is-suq tax-xogħol				■		■									■			■			■				■	■	■	
	L-aċċess għall-finanzi	■			■												■										■		
	Id-dejn privat				■							■										■		■		■			
Is-suq tax-xogħol, l-edukazzjoni u l-politiki soċjali	Il-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tal-impjiegi u l-qafas għall-kuntratti tax-xo										■				■							■	■	■	■			
	Il-benefiċċji tal-qgħad														■													
	Il-politiki attivi tas-suq tax-xogħol		■	■	■						■	■		■	■	■	■			■					■		■	
	L-inċentivi għax-xogħol, il-ħolqien tal-impjiegi, il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol	■			■	■	■		■			■	■	■	■	■	■		■				■					
	Il-pagi u l-iffissar tal-pagi						■		■					■								■			■				
	L-indukrar tat-tfal	■			■	■										■	■						■					■	
	Is-saħħa u l-kura fit-tul	■		■	■	■			■	■		■			■	■	■	■		■	■		■		■		■	■	
	It-tnaqqis tal-faqar u l-inklużjoni soċjali			■	■				■	■	■	■		■	■	■	■	■		■				■	■		■	■	
	L-edukazzjoni		■	■	■	■	■	■	■	■	■			■	■		■	■		■	■		■	■	■	■		■	
	Il-ħiliet & t-tagħlim tul il-ħajja	■	■	■	■	■	■	■	■	■	■	■	■	■	■	■	■	■	■	■	■	■	■	■	■	■	■	■	■
Il-politiki strutturali	Ir-riċerka & l-innovazzjoni	■	■	■	■	■	■	■	■	■	■	■	■	■	■	■	■	■	■	■	■	■	■	■	■	■	■	■	■
	Il-kompetizzjoni u l-qafas regolatorju	■	■	■							■			■	■	■	■							■					
	Il-kompetizzjoni fis-servizzi	■	■				■				■		■	■	■		■							■					
	Is-servizzi tat-telekomunikazzjoni, is-servizzi postali u s-servizzi pubbliċi lokali	■	■		■	■	■		■				■			■	■		■	■			■					■	
	L-enerġija, ir-riżorsi u t-tibdil fil-klima		■	■	■	■	■		■	■	■	■	■	■	■	■	■	■	■	■	■	■	■	■	■	■		■	■	■
	It-trasport		■	■	■	■	■	■	■	■	■	■		■	■	■	■	■	■	■	■	■	■	■	■	■	■	■	■	■
L-Amministrazzjoni pubblika u l-ambjent tan-negozju	L-ambjent tan-negozju	■	■	■	■	■	■				■		■		■	■			■				■	■	■		■	■	
	Il-qafas tal-insolvenza			■																				■					
	L-amministrazzjoni pubblika				■	■					■			■	■		■			■					■		■	■	
	Intrapriżi tal-istat			■	■									■						■				■	■		■		
	Il-ġustizzja ċivili				■									■	■		■				■			■				■	
	L-ekonomija moħbija u l-korruzzjoni				■	■								■	■		■				■							■	

** Din il-kopertura teskludi r-rakkomandazzjoni dwar it-tkomplija u t-tlestija tar-riformi f'konformità mal-impenji ta' wara l-programm mogħtija fil-Grupp tal-Euro tat-22 ta' Ġunju 2018.*

■ Il-Politiki koperti fir-RSP tal-2019